

32005R1278

L 202/34

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

3.8.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1278/2005**tat-2 ta' Awwissu 2005**

li jemenda għall-50 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-iffriżar ta' fondi u riżorsi finanzjarji oħra fir-rigward tat-Taliban tal-Afganistan,¹ u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 7(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.
- (2) Fid-29 ta' Lulju 2005, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda l-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi. L-Anness I għandu għalhekk jiġi emendat kif jixraq.
- (3) Biex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

¹ ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1264/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p. 29).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Awwissu 2005.

Għall-Kummissjoni

Eneko LANDÁBURU

Id-Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni

ANNEX

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

L-annotazzjonijiet li ġejjin għandhom jżiedu taħt l-intestatura "Persuni naturali":

1. Faycal Boughanemi (*magħruf wkoll bħala* Faical Boughanmi). Indirizz: viale Cambonino, 5/B — Cremona, l-Italja. Data tat-Twelid: ... 28.10.1966. Post tat-Twelid: Tunis, it-Tuneżija. Ċittadinanza: Tuneżina. Tagħrif ieħor: Kodiċi fiskali Taljan BGHFCL66R28Z352G
2. Ahmed El Bouhali (*magħruf ukoll bħala* Abu Katada). Indirizz: vicolo S. Rocco, 10 — Casalbuttano (Cremona), l-Italja. Data tat-Twelid: ... 31.5.1963. Post tat-Twelid: Sidi Kacem, il-Marokk. Ċittadinanza: Marokkina. Tagħrif ieħor: Kodiċi fiskali Taljan LBHHMD63E31Z330M.
3. Abdelkader Laagoub. Indirizz: via Europa, 4 — Paderno Ponchielli (Cremona), l-Italja. Data tat-Twelid: ... 23.4.1966. Post tat-Twelid: Casablanca, il-Marokk. Ċittadinanza: Marokkina. Tagħrif ieħor: Kodiċi fiskali Taljan LGBBLK66D23Z330U.